# Miruzzi: 75 Sena minn Mewtu



Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Fl-artiklu tas-sena l-oħra, bl-isem ta' 'Fuq il-Passi ta' Miruzzi', konna stabbilixxejna d-data preċiża ta' meta twieled Mro Antonio Miruzzi, li mexxa diversi baned Maltin bejn l-aħħar snin tas-seklu 19 u l-ewwel tliet deċennji tas-seklu 20, fosthom is-Soċjetà Filarmonica 'Nicoló Isouard' tal-Mosta bejn l-1894-1909. Kellha tkun proprju dil-banda biex għenuti jikseb ċerta esperjenza fil-tagħlim u d-direzzjoni, u bis-suċċessi li kiseb magħha servew biex ismu jixtered fil-kamp mużikali ta' żmienu. Dis-sena qed tinzerta wkoll il-75 waħda minn mewtu, li ġrat fit-23 t'Ottubru 1944, fil-għomor ta' 78 sena. Ikun għalhekk tassew xieraq jekk inkomplu niċċelebraw 'il dal-kompożitur Malti li ħallielna ħafna u ħafna xogħlijiet bandistiċi sbieħ, fosthom l-Innu Solenni *Alla Beata Maria Vergine* għal dil-banda Mostija.

Kliem muftieħ: Mro Antonio Miruzzi, University of Malta 'Ġ.F. Abela' Junior College, Għaqda Każini tal-Banda, Soċjetà Filarmonica 'San Ġorġ' (Bormla), Soċjetà Mużikali 'San Ġużepp' (Ħamrun), Soċjetà Filarmonika 'La Vincitrice' (Isla), Soċjetà Filarmonica 'San Piju X' (Lija), Għaqda Mużikali 'Sant'Andrija' (Luqa), Soċjetà Mużikali 'Nicolò Isouard' (Mosta), Soċjetà Filarmonika 'Santa Marija' (Mosta), Soċjetà Filarmonica Nazionale 'La Valette' (Valletta), Soċjetà Mużikali u Filarmonica 'Leone' (Victoria, Għawdex), Għaqda Mużikali 'Beland' (Żejtun)



Pittura ta' Miruzzi li tinsab fil-każin tal-banda 'Nicoló Isouard', Mosta

Jekk kien hemm persuna li segwiet mill-qrib ħafna l-passi mużikali ta' Miruzzi, dan kien proprju Joseph Mifsud Matrenza[1] (1918-2013); spiss kienu jiltaqgħu flimkien fil-każin tal-banda Ġużeppina Ħamruniża. Miruzzi, għad li kien irtirat, xorta waħda baqa' jiffrekwenta dal-każin bieb u għatba miegħu, u xorta waħda baqa' jikteb marċ brijuż kull sena 'l dis-soċjetà mużikali għall-festa ta' San Gejtanu. Min-naħa tiegħu, Mifsud Matrenza kien midħla sew tal-istess każin sa minn tfulitu minħabba missieru, u ftit qabel ma faqqgħet il-Gwerra, hu u sħabu l-għalliema spiss kienu jiltaqgħu hemmhekk biex iqattgħu siegħa żmien jilagħbu l-karti. Miruzzi miet fl-1944 u Mifsud Matrenza daħal fil-kumitat ċentrali malli ntemmet il-Gwerra, fejn imbagħad baqa' jagħti sehmu tul il-bqija ta' ħajtu. Madankollu, id-data tal-mewt ta' Miruzzi ma nsibuha mkien f'kitbietu, la fil-kotba tal-Ġublew tad-Djamanti (1964) u taċ-Ċentinarju tas-Soċjetà (1989), u lanqas fl-artiklu l-ieħor tiegħu, 'Maestro Antonio Miruzzi'.[2] Iżda agħar minn hekk, Mro Michael Chircop, f'intervista li kien għamel lil bint Miruzzi, iniżżel id-data tas-26 t'Ottubru 1944.[3] L-istess data żbaljata nsibuha fil-ktieb ta' Jesmond Grech peress li ħa t-tagħrif mingħand Chircop.[4]


Parroċċa San Gejtanu
Ħamrun – Malta

Ċertifkat tal-Mewt

St. Cajetan Parish - Hamrun
Death Certificate

Vol. IV Pg. 267 No.

Isem / Name: Antonio Miruzzi

Post tat-twelid / Place of Birth: Età: 78

Missier / Father: Joseph Miruzzi

Omm / Mother: Michelina Buricat

Stat maritali / Marital Status: Armel minn Concetta Cauchi

Data tal-Mewt / Date of Death: 23-10-1944

Post tal-Mewt / Place of Death: Ħamrun

Post tad-Difna / Place of Burial: Santa Marija Addolorata

5/10/2017
Data

Kappillan

Iċ-ċertifikat tal-mewt ta' Miruzzi (Parroċċa ta' San Gejtanu)

Mill-banda l-oħra, Grazio Anton Grech[5] isemmi d-data t-tajba meta jgħid li: 'Huwa (Miruzzi) miet fit-23 ta' Ottubru 1944, il-Ħamrun ...' L-awtur kien

[1] Storjografu ewlieni tal-banda Ġużeppina Ħamruniża.
[2] Ktieb tal-festa San Ġejtanu (1994).
[3] L-intervista ta' Mro Michael Chircop dehret fil-gazzetta 'In-Nazzjon Tagħna' tas-26 ta' Jannar 1972.
[4] 'L-Għaqda Mużikali "Sant'Andrija" – Twelidha u Ġrajjietha' (Best Print, 2008).
[5] 'Erbatax-il profil ta' mużiċisti Għawdxin, Maltin u Barranin' (Stampat Għawdex, 1998).

kiseb dat-tagħrif mill-ġurnal *Il-Berqa* tal-31 t'Ottubru ta' dik is-sena, filwaqt li d-data tal-mewt kien ġabha mill-Att tal-Mewt Nru 2848/1944 tar-Reġistru Pubbliku ta' Malta. L-awtur l-ieħor, Joseph Vella Bondin[6] mexa fuq it-tagħrif li nsibu fil-ktieb ta' Grech il-Għawdxi, fejn f'sentenza waħda jiddeskrivi l-mod kif kien sar il-funeral ta' Miruzzi: 'Attendew diversi rappreżentanti ta' diversi għaqdiet mużikali, sabiex jagħtuh l-aħħar tislima.' L-istess deskrizzjoni nsibuha wkoll fl-intervista ta' Chircop: 'Il-funeral kien sar il-Ħamrun, fejn rappreżentanti tal-każini fejn hu (Miruzzi) kien serva ħadu sehem għall-aħħar tislima lil eks surmast.' Skont iċ-ċertifikat tal-mewt li jiena ksibt mill-parroċċa ta' San Gejtanu tal-Ħamrun, datat 5 t'Ottubru 2017, u ffirmat mill-viċi parroku, Dun Joe Gatt, nistgħu nikkonfermaw bla tlaqliq li Mro Antonio Miruzzi, iben Joseph Miruzzi u Michelina Brincat, u armel minn Concetta Cauchi, miet fid-dar tiegħu stess, il-Ħamrun, nhar it-23 t'Ottubru 1944. Hu jinsab midfun fiċ-Ċimiterju ta' Sta Marija Addolorata.

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)

[6] 'Il-Mużika ta' Malta fis-Seklu Dsatax u Għoxrin' (PIN, 2000).